**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 313/2017**
**Wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**datata 30 ta' Jannar, 2019**

**Banif Bank (Malta) plc numru ta' registrazzjoni C41030 u b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2017 isem il-Bank attur inbidel ghal BNF Bank plc**

**vs.**

**Ronnie Mangion (K.I. numru 520281M)**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar it-30 ta' Jannar, 2019. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti:

i. Illi l-appellat Ronnie Mangion kemm wahdu, kif ukoll mal-ex-partner tieghu Bree Lora Miller, kienu fethu diversi kontijiet u facilitajiet bankarji mal-bank appellant BNF Bank plc. Dawn il-kontijiet u facilitajiet bankarji kienu jikkonsistu fis-segwenti:

(a) Lifestyle Loan Account bin-numru 384020711[1] f'isem l-appellat Ronnie Mangion u Bree Lora Miller li kien jikkonsisti f'self ai termini tal-credit agreement datat 17 ta' Frar, 2014 (a fol. 4 sa fol. 9 tal-process tal-ewwel Qorti) – skont dawn id-dokumenti l-bilanc allegatament dovut sad-29 ta' Settembru, 2017 kien ta' €8,085.70;

(b) Overdraft/Current account bin-numru 384020101 f'isem l-appellat Ronnie Mangion u Bree Lora Miller li kien jikkonsisti f'self ai termini tal-credit agreement datat 4 ta' Frar, 2014 (a fol. 11 sa fol. 13 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) – skont dawn id-dokumenti l-bilanc allegatament dovut sad-29 ta' Settembru, 2017 kien ta' €1,407.25 inkluz imghax;

(c) Savings account bin-numru 384020181 f'isem l-appellat Ronnie Mangion u Bree Lora Miller miftuh nhar il-5 ta' Novembru, 2013 li kien jikkoncerna l-ispejjez bankarji relatati mal-Lifestyle Loan u mal-overdraft/current account (ara account opening form a fol. 15 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) – bilanc allegatament dovut sad-29 ta' Settembru, 2017 kien ta' €221.88 inkluz imghax;

(d) Credit card bin-numru 4196796000145465 unikament f'isem l-appellat Ronnie Mangion miftuha ai termini ta' credit agreement datat 5 ta' Novembru, 2013 (a fol. 17 sa fol. 20 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) – bilanc allegatament dovut

[1] Jigi rilevat li fl-istatement a fol.10 tal-process immarkat bhala Dok B in-numru tal-account ghandu numru wiehed diverz li probabilment sar bi zball fir-rikors u li kellu jigi 184020711

sad-29 ta' Settembru, 2017 skont l-istess dokumenti kien ta' €655.71 inkluz imghax.

ii. Illi dawn il-kontijiet u facilitajiet bankarji ma baqghux jithallsu la mill-appellat Ronnie Mangion u lanqas minn Bree Lora Miller. Ghaldaqstant l-ammont pretiz mill-bank appellant jammonta fit-totalita' tieghu ghas-somma ta' €10,370.54 skont ir-riassunt indikat fil-paragrafi precedenti mmarkat bhala 1(a), (b), (c) u (d).

iii. Illi kemm l-appellat Ronnie Mangion kif ukoll Bree Lora Miller gew interpellati permezz ta' ittra legali ta' nhar it-12 ta' April, 2017 (a fol. 24 u fol. 25 tal-process quddiem l-ewwel Qorti), ittra legali tal-11 ta' Mejju, 2017 (a fol. 26 u fol. 27 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) u ittra bin-numru 1799/17 ta' nhar it-8 ta' Awwissu, 2017 (a fol. 30 sa fol. 33 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gew interpellati jhallsu l-ammont ta' €9,472.01 rapprezentanti l-Lifestyle Loan account, l-overdraft/current account u s-savings account.

Lill-appellat wahdu Ronnie Mangion giet mibghuta wkoll ittra bin-numru 1766/17 datata 28 ta' Lulju, 2017 (a fol. 28 u fol. 29 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gie nterpellat ihallas l-ammont ta' €645.07 in konnessjoni mal-credit card bin-numru 4196796000145465.

Filwaqt li l-appellat Ronnie Mangion oppona z-zewg ittri a tenur tal-Artikolu 166A permezz ta' nota oppozitorja datati 10 ta' Awwissu, 2017 u 29 ta' Awwissu, 2017 (a fol. 34 u fol. 35 tal-process

quddiem l-ewwel Qorti), Bree Lora Miller ma opponietx l-ittra 1799/17 a tenur tal-Artikolu 166A u ghalhekk il-bank appellant ghandu titolu ezekuttiv fil-konfront taghha.

iv. Illi in segwitu ghall-opposizzjoni tal-appellat Ronnie Mangion li l-appellant ojdern il-BNF Bank plc intavola l-kawza odjerna nhar it-18 ta' Ottubru, 2017 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex jithallas l-ammont ta' €10,370.54. Fil-mori tal-kawza giet intavolata nota ta' riduzzjoni (a fol. 53 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) u dan stante li fil-mori kien sar depozitu minn terzi fl-ammont ta' €52.56, b'tali mod li t-talba giet ridotta ghas-somma ta' €10,317.98.

2. Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz tad-decizjoni taghha tat-30 ta' Jannar, 2019 iddecidiet kif isegwi:

> '**<u>Decide</u>**
>
> Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad in parte t-tieni eccezzjoni, tilqa' limitatament it-tieni eccezzjoni, u tilqa' wkoll it-tielet u r-raba' eccezzjoni, safejn kompatibbli ma' dak hawn fuq deciz u konsegwentement, tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kollha a karigu tal-istess socjeta' attrici.'

3. Illi l-bank attur hassu aggravat b'din id-decizjoni u kien ghalhekk li ntavola appell nhar id-19 ta' Frar, 2019. Permezz tal-imsemmi appell huwa ressaq aggravju wiehed relatat ma' apprezzament zbaljat tal-provi maqsum fi tnejn b'dawn ikunu kif isegwi:

i. Osservazzjonijiet generali dwar l-apprezzament zbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti fejn giet ikkawzata ngustizzja mas-socjeta' appellanta BNF Bank plc.

L-ewwel Qorti sabet li s-socjeta' appellanta pprezentat provi sufficjenti li juru li tali kontijiet bankarji u facilitajiet inghataw verament tant li cahdet in parte t-tieni eccezzjoni madanakollu hija cahdet it-talba biex is-socjeta' appellanta tigbor l-ammont pendenti u dan malgrad li mkien fil-kawza l-appellat ma stqarr li huwa mhux debitur fl-ammont kif mitlub. Fit-tielet eccezzjoni l-appellat jirrikonoxxi l-'obbligazzjoni principali' filwaqt li fir-raba' eccezzjoni l-appellat jghid li *'ma jaqbilx li huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont mitlub kif jist'a biss jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri ….'* b'dan li l-appellat ikkontesta l-kwantum u mhux l-ezistenza tad-dejn.

Il-Qorti kienet qieghda tippretendi minghand is-socjeta' appellanta statements aktar dettaljati dan peress li seta' kien hemm diffikulta fejn jirrigwarda l-imghaxijiet u l-ispejjez pero' ma kien hemm l-ebda dubju li l-obbligazzjoni principali kienet dovuta u dan anke kif inhu rifless *ex admissis* fir-risposta tal-appellat.

Il-pozizzjoni tal-ewwel Qorti ma ssibx komfort fin-nuqqas totali ta' provi u dan in linja mal-gurisprudenza fejn tirbah l-verzjoni l-aktar kredibbli.

L-ewwel Qorti qaghdet fuq numru ta' eccezzjonijiet mimlijin allegazzjonijiet u supposizzjonijiet fosthom dwar imghaxijiet u spejjez bankarji eccessivi bhal li kieku kienu provi, haga li fil-fehma tal-appellanta hija zbaljata. La darba l-appellat kellu c-certezzi, a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-oneru tal-imghaxijiet u l-ispejjez Bankarji mhux dovuti kienet fuq l-appellat. Ghall-kuntrarju dan lanqas ressaq prova wahda. L-appellat kellu kull opportunita' li jressaq il-provi li jrid stante li l-kontijiet Bankarji jappartjenu lilu u ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu d-dokumentazzjoni kollha. Bhala sid huwa kien meqjus li jaf ezattament xi thallas u seta' ressaq provi b'mod konkret jirribatti l-ammonti kif mitluba.

Is-socjeta' appellanta taghmel referenza ghal diversi sentenzi ottenuti favur taghha mill-Qrati Maltin u hija ma tistax tifhem id-diskrepanza fil-gudizzju f'dan il-kaz.

ii. Osservazzjonijiet dwar apprezzament zbaljat tal-provi relatat mal-kontijiet u facilitajiet bankarji ndividwalment.

Loan

Referenza ssir ghan-numru tal-istatement u dak tar-rikors promutur fejn irrizulta li ma jaqblux pero' jigi ndikat li huwa tal-istatement il-korrett. Fir-rigward l-imghaxijiet dawn gew mahduma b'mod semplici u dan anke kif hemm indikat fid-Dok B intestat 'Statement of Account at Simple Interest.' L-ewwel Qorti

taghmel assunzjoni pura u ma hijiex sorretta bl-ebda prova meta tghid li l-intestatura taghti x'tifhem li l-imghax fuq il-bilanc qabel it-18 ta' Lulju, 2017 seta' kien kompost. Ir-rati tal-imghax gew indikati.

Overdraft

Ir-ragunament tal-Ewwel Qorti hu nkonsistenti ghax minn banda rrikonoxxiet li l-overdraft giet koncessa pero' minn banda ohra tiddubita jekk dan l-ammont giex uzat. L-appellat qatt ma cahad l-ezistenza tal-obbligazzjoni principali a kuntrarju fit-tielet eccezzjoni jirrikonoxxi l-ezistenza tal-obbligazzjoni principali. Ir-rati tal-imghax gew indikati.

Savings

F'dan is-savings hemm migbura ammont ta' spejjez Bankarji nkorsi stante n-nuqqas ta' hlas lura tas-self moghti permezz tal-loan u l-overdraft. Fil-loan u fl-overdraft ma hemmx mizjuda spejjez inkorsi.

Referenza ssir ghad-distinzjoni li tezisti bejn l-imghaxijiet u spejjez fejn tal-ahhar ma gewx imposti biex jittiehdu mghaxijiet fuqhom bhalma donnu gie allegat fit-tielet eccezzjoni.

Huwa minnu li s-socjeta' appellanta ma dahlitx fid-dettal ta' fhiex jikkonsistu l-ispejjez wahda b'wahda pero' gie prezentat statement bankarju li juri l-ammont dovut u dawk kollha gew imposti stante n-nuqqas ta' hlas, liema nuqqas ta' hlas qatt ma gie michud.

Referenza ssir ukoll ghal Artikolu 12 (b) tal-credit agreement (Dok A) u Artikolu 7(e) tal-credit agreement (Dok C) fejn l-appellat awtorizza lis-socjeta' appellanta li tiddebita l-kont bi spejjez Bankarji li jigu mposti fuqha.

Ir-rata tal-imghax tirrizulta mid-dokument F ossia r-rata ta' 10% fis-sena. L-appellanta ma tifhimx l-osservazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar diskrepanza prezunta fir-rata tal-imghaxijiet. Dwar il-BBR din ma nbidlet qatt u tinsab inkorporata fir-rata globali t'10%.

Credit Card

Fir-rigward l-oggezzjoni relatata mal-imghaxijiet, id-Dokument H anness mar-rikors promutur jindika b'mod car li l-imghaxijiet huma ta' €10.64 u l-istess dokument indika r-rata li bija nhadem l-imghax u cioe' dan ta' 8.25% fis-sena liema rata tohrog mill-credit agreement (Dok G).

Il-Bank Base Rate ma nbidlet qatt u tinsab inkorporata fir-rata globali ghalhekk ma kienx hemm in-necessita' tal-prova taghha.

Rigward spejjez Bankarji ma kinux lahqu ghaddew u ghalhekk ma kienx hemm bzonn tal-prova taghhom.

4. Illi l-appellat Ronnie Mangion wiegeb ghal dan l-appell billi sostna li d-decizjoni hija gusta u ekwa u timmerita konferma fit-totalita' taghha. L-appellat ittratta dan l-aggravju bil-mod segwenti:

i. Illi s-socjeta' appellanta tittenta taghti l-impressjoni li l-appell huwa wiehed dwar xi applikazzjoni hazina tal-ligi mentri fil-verita' ma huwa xejn ghajr ghall-apprezzament tal-provi.

Huwa risaput li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti sakemm dan ma jkunx manifestament zbaljat li kwazi jirraviza l-grossolan.

ii. Is-socjeta' appellanta falliet fil-kaz taghha stante li ma ressqitx provi fir-rigward ta' kemm hu d-debitu dovut kif jghid il-principju regolatur li min jallega jrid jipprova. Is-socjeta' appellanta ma tistax tippretendi li jigu prezentati statements minnha u l-Qorti ma tissindakx l-istess statements. L-istess jinghad ghall-bank charges.

Fir-rigward l-bank overdraft, ix-xhud prodott mis-socjeta' appellanta ammetta li l-bank ma jkollux dettalji dwar is-somom irtirati u lanqas ikollu dokumentazzjoni. Allura kif jippretendi li l-Qorti sejra tilqa' t-talbiet.

5. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019, rat l-atti kollha u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ewwel aggravju**

6. Illi minn qari tal-appell intavolat mis-socjeta' appellanta, jirrizulta li dan l-aggravju jitratta merament apprezzament tal-fatti. L-aggravju huwa diviz f'zewg sezzjonijiet, b'sezzjoni wahda titratta osservazzjonijiet in generali u sezzjoni ohra titratta specifikatament kull kont u facilita' bankarja entrambi relatati mal-apprezzament zbaljat tal-provi mill-Ewwel Qorti.

7. Jirrizulta li fir-rigward ghal-Lifestyle Loan Account, Overdraft/Current Account u l-Credit Card Account, l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li dawn gew avvanzati lill-konvenut Ronnie Mangion tant li cahdet l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni. Hekk sostniet l-ewwel Qorti:

> 'Ferm dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi in kwantu ghal-*Lifestyle Loan Account*, *Overdraft/Current Account* u l-*Credit Card Account*, jirrizulta li l-fondi relattivi li minnhom jifforma parti l-bilanc mitlub f'din il-kawza, gew effettivament avvanzati lill-konvenut u konsegwentement, l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija nfondata u qieghda tirrespingiha.'

Meta tinghata harsa lejn ir-risposta tal-appellat Ronnie Mangionipprezentata nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 (a fol. 47 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) jirrizulta li l-appellat bl-ebda mod ma cahad l-obbligazzjoni principali. L-oggezzjoni tressqet fuq allegat imghax in eccess mil-limitu mpost mil-ligi, imghax kompost,

charges, ledger fees u kommissjonijiet li allegatament gew mizjuda mal-obbligazzjoni principali. Ghall-kjarezza qeghdin jigu riprodotti t-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjoni minn fejn jirrizulta dak li ghadu kif inghad.

> '3. Illi minghajr pregudizzju, in vista ta' l-artikoli 986(2), 1139, 1142 u 1850 sa 1853 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, **it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess mil-limitu massimu mpost mil-ligi, kif ukoll imghax kompost u charges, ledger fees u kommissjonijiet mhux dovuti li gew mizjuda ma' l-obbligazzjonijiet principali** b'qerq tad-dispozizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u l-uzura latenti, u li ghaldaqstant ghandhom jinqatghu mill-kapital, flimkien ma' l-imghax kompost li rega' gie mizjud fuqhom, ai termini ta' l-Artikolu 185(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, **l-esponenti ma jaqbilx li huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont mitlub** kif jista' biss jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri u hemm lok fost affarijiet ohra fejn is-socjeta' agixxiet intempestivament ghall-irkupru ta' somom avvanzati mill-bank attur;' (enfazi tal-Qorti)

Fid-dawl ta' dak hawn fuq trattat, fil-fehma ta' din il-Qorti, s-socjeta' appellanta hija zgur kreditrici tal-appellat Ronnie Mangion stante li l-obbligazzjoni principali fl-ebda mument ma giet michuda.

8. Illi l-Ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici ghar-raguni li s-socjeta' appellanta ma ssoddisfatx l-oneru tal-prova li tirrikjedi l-ligi. Dan inghad principalment ghaliex dejjem skont l-Ewwel Onorabbli Qorti s-socjeta' appellanta ma pprezentatx rendikont dettaljat ta' fhiex kien jikkonsisti l-kapital, l-imghax, l-ispejjez etc.

Minn ezami tal-atti, jirrizulta li s-socjeta' appellanta pprezentat diversi dokumenti fosthom il-*credit agreements* li jikkostitwixxu l-origini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw is-self; *statements* ta' kull kont u facilita' bankarja u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kontijiet bankarji u l-facilitajiet bankarji. Din il-Qorti tinnota li huwa minnu li ma giex ipprezentat rendikont dettaljat li jinkorpora kollox f'daqqa, madanakollu l-informazzjoni kollha relatata mas-self u l-facilitajiet bankarji kollha jirrizultaw mid-dokumenti prezentati. Din il-Qorti fliet id-dokumenti kollha u setghet tinnota s-segwenti fuq l-imghax u c-*charges* li gew imposti fuq l-appellat Ronnie Mangion.

**Imghax**

9. Fir-rigward tal-Lifestyle Loan Account jirrizulta li dan kien self fl-ammont ta' hmistax il-elf ewro (€15,000). Fil-21 ta' Frar, 2014 (ara statement a fol. 62 u fol. 63 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) kien hemm *draw-down* fil-overdraft/current account ghas-somma ta' hmistax il-elf ewro (€15,000).

Mill-credit agreement datat 17 ta' Frar, 2014 (a fol. 4 sa fol. 9 tal-process tal-ewwel Qorti) precizament fil-klawsola 6 jirrizulta li s-self Lifestyle Loan Account nghata bi mghax ta' 6.5% fis-sena. Klawsola 6 tal-credit agreement tghid is-segwenti: '*Lifestyle Loan – shall be charged at a rate of 4% (hereinafter referred to as 'Spread') over Banif Bank Base Rate (hereinafter referred to as die 'Base Rate') which is presently 2.50%. The present effective interest charged is 6.5% per annum.*' Il-credit agreement kien jistipula wkoll li fl-eventwalita' li jkun hemm xi mankanza da parti tad-debitur, u cioe' ksur ta' wahda mill-kundizzjonijiet, l-imghax jizdied b'4% b'dan li jigi ta' 10.5%. Dan huwa stipulat fil-klawsola numru 15 fejn inghad li '*The facility/ies shall become instantly due and payable together with all interest and charges upon occurrence of any of the Events of Default listed in the attached form DOC_CRE_EVDEF_JAN2008.,01.01 and upon receipt of Bank's first written demand.*

*The Bank reserves the right that, in the event of a late payment or if the Borrower/s is/are in default or otherwise in breach of any of the conditions in this Agreement, the Bank shall be entitled to charge die Borrower a higher interest rate on the full outstanding amount for the period of the default. In such instances, the interest rate charged shall be at a rate of 4% over die applicable interest rate quoted in Clause 6 above. The Bank reserves the right that in the event of any late payment by the Borrower/s the Bank shall charge a late payment fee as indicated on the Bank's website (as may be updated from time to time).*'

Difatti b'referenza ghal Dok B a fol. 10 tal-process indikat bhala 'Statement of Account at Simple Interest' jirrizulta fis-sezzjoni ndikata bhala 'Interest Rate % p.a.' li l-imghax gie kkalkolat bir-rata ta' 10.5%.

Din il-Qorti tinnota li l-kopja esebita tal-*credit agreement* datat 17 ta' Frar, 2014 ma hijiex iffirmata mill-partijiet madanakollu minn imkien fl-atti ma jidher li gie kkontestat in-nuqqas ta' firma tal-partijiet mill-appellat Ronnie Mangion.

10. Fir-rigward tal-Overdraft/current account jirrizulta li dan kien self fl-ammont ta' elf ewro (€1,000). L-overdraft/current account kien marbut mal-account tal-Lifestyle Loan Account bin-numru 384020101.

Mill-credit agreement datat 4 ta' Frar, 2014 (a fol. 11 sa fol. 13 tal-process tal-ewwel Qorti) jirrizulta li l-overdraft kien suggett ghall-mizata ta' €0.25 kuljum sakemm il-bilanc jigi saldat bi shih. (ara klawsola 5 tal-credit agreement) filwaqt li fl-eventwalita' li jkun hemm xi mankanza jew ksur ta' xi kundizzjoni da parti tad-debitur, l-imghax jizdied u jigi ghal 7.5% u 2.5% total ta' 10%. Dan gie stipulat fil-klawsola numru 8 tal-credit agreement fejn inghad li '*If the Borrower/s withdraw/s funds for an amount which is higher than the Facility amount indicated in Clause 1 of this Agreement the Bank shall be entitled to charge an interest rate on the full outstanding amount for the period during which the Facility has been exceeded. In such instances, the interest rate charged shall be at the Spread rate of 7.5% over Banif Bank*

*Base rate which is presently 2.5%, of the full outstanding amount for the period during which the Facility has been exceeded. The Bank may change the Bank Base Rate from time to time, at its sole and absolute discretion. The new Base Rate shall be published on the Bank's website, (www.banif.com.mt), at any of the Bank's branches, and if deemed necessary by the Bank by means of a public advert. In addition, the Spread rate may be adjusted at the Bank's discretion subject to giving the Borrower/s reasonable notice in writing:*

*The Facility shall become instantly due and payable together with all interest and charges upon occurrence of any of the Events of Default listed in the attached form DOC_CRE_EVDEF_JAN2008_01.01 and upon receipt of Bank's first written demand.*

*The Bank reserves the right that, in the event the Borrower/s is/are in default or otherwise in breach of any of the conditions in this Agreement, the Bank shall be entitled to charge an interest rate on the full outstanding amount for the period of the default. In such instances, the interest rate charged shall beat the Spread rate of 7.5% over Banif Bank Base rate which is presently 2.5%. Such Spread rate may be adjusted at the Bank's discretion subject to giving the Borrower/s reasonable notice in writing. …'*

A fol. 14 tal-process gie esebit '*statement of account at simple interest*' fejn hemm indikat bhala '*Interest Rate % p.a.*' ir-rata ta' 10%.

11. Fir-rigward tas-Savings Account bin-numru 384020181 fih hemm addebitat l-ispejjez Bankarji relatati mal-Lifestyle Loan account u l-overdraft/current account.

Mill-account opening form esebita a fol. 15 u mmarkata bhala Dok E tal-process quddiem l-ewwel Qorti ma jirrizultax li hemm indikat ir-rata tal-imghax li l-appellat kien ser ikun suggett ghaliha. Madanakollu fis-sezzjoni '*Declaration and Specimen Signatures*' l-appellat accetta l-kundizzjonijiet generali u specifici li jirregolaw deposit account u/jew debit cards. L-appellat flimkien ma' Bree Lora Miller qablu ghas-segwenti: '*I/We hereby confirm that I/we have been given the General and Specific Conditions that jointly govern the operations of a deposit account and/or debit card as applicable in this application form.*'

12. Fir-rigward tal-Credit Card numru 4196796000145465 din inghatat fuq isem l-appellat wahdu u jirrizulta li din inghatat permezz ta' credit agreement tal-5 ta' Novembru, 2013 (a fol. 17 sa fol. 20 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) bhala Banif Visa Classic Credit Card li kellha limitu ta' kreditu ta' €1000.

Mill-credit agreement tal-5 ta' Novembru, 2013 precizament fil-klawsola numru 4 jirrizulta li bhala mghax huwa kien ser ikun suggett ghal 8.25% fis-sena. Klawsola 4 tal-credit agreement tghid li: '*Interest on the Card Account shall be determined by the Bank at its sole discretion from time to time and will remain effective until notice is given by the Bank of an amended rate. This interest on the Card Account shall*

*be charged a rate of 5.750% (hereinafter referred to as 'Spread') over Banif Bank Base Rate (hereinafter referred to as the Base Rate') which is presently 2.5%. The present effective interest charged is 8.25% per annum.'* Il-credit agreement jistipula wkoll kundizzjonijiet fejn ikun hemm xi ksur jew mankanza da parti tal-card holder fosthom li jigu impost fuqu 'Rejection Direct Debit Fee'. Hekk jinghad:

*The Bank reserves the right that, in the event of a late payment or if the Borrower/s is/are in default or otherwise in breach of any of the conditions in this Agreement, the Bank shall be entitled to charge die Borrower a higher interest rate on the full outstanding amount for the period of the default. In such instances, the interest rate charged shall be at a rate of 4% over die applicable interest rate quoted in Clause 6 above. The Bank reserves the right that in the event of any late payment by the Borrower/s the Bank shall charge a late payment fee as indicated on the Bank's website (as may be updated from time to time).'*

Jekk tinghata harsa lejn Dok H a fol. 21 tal-process indikat bhala '*Statement of Account at Simple Interest*' jirrizulta fis-sezzjoni ndikata bhala 'Interest Rate % p.a.' li l-imghax gie kkalkolat bir-rata ta' 10%.

**Spejjez Bankarji**

13. Kif gia nghad l-ispejjez bankarji li gew imposti fuq l-appellat gew addebitati fuq il-kont Savings Account bin-numru 384020181. Gew prezentati ghadd ta' dokumenti li jindikaw il-kundizzjonijiet u r-rati u charges applikabbli. Dawn id-dokumenti huma Dok P –

'Savings & Current Accounts Tariff of Charges' (a fol. 36); Dok Q – 'Personal loan Tariff of Charges' (a fol. 37); Dok R – Banif Credit Cards Conditions of Use (a fol. 38 sa fol. 41) u Dok S – Credit Card Fees and APR Tariff of Charges (a fol. 42).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

14. Kif tajjeb gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza **Enrico Camilleri –vs– Martin Borg**, moghtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'decizjonijiet simili **E Zammit –vs– Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo –vs– C. Pace**, Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1986), 'Il-gudikant fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet, imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.'

15. Fil-kaz prezenti, din il-Qorti ghandha quddiemha bosta dokumenti kif elenkati u cioe' evidenza flimkien mad-depozizzjoni moghtija bil-gurament ta' Alfred Ferrante – Manager fi hdan il-Corporate Credit Recovery Unit tas-socjeta' appellant li ma jhallux dubju dwar l-ammonti dovuti mill-intimat lill-Bank appellant ghall-kuntrarju ta' dak dikjarat mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Min-naha l-ohra ghandha l-eccezzjonijiet tal-intimat appellat li mhux ikkonfermati bil-gurament stante li ghazel li lanqas jixhed tul il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas ressaq prova wahda in

sostenn ta' dak allegat minnu. Din il-Qorti tirrikonixxi li s-socjeta' appellanta setghet facilment ipprezentat rendikont aktar semplici flimkien mad-diversi dokumenti li pprezentat madanakollu din il-Qorti hija moralment konvinta li l-bank appellant ressaq bizzejjed provi sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp civili li permezz taghhom hija sodisfatta li l-ammont mitlub minnu cioe' dak ta' €10,370.54 indikat fir-rikors huwa verament dovut mill-appellat u li d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija manifestament zbaljata u ngusta fil-konfront tal-Bank appellat. Din il-Qorti hija wkoll konvinta li l-eccezzjonijiet imqajjma mill-konvenut huma merament skuzi sabiex itawwal iz-zmien u ma jhallasx dak dovut minnu.

Ghalhekk fid-dawl tal-provi kollha migjuba, din il-Qorti tqis l-aggravju tas-socjeta' appellanta bhala fondat u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tilqa' l-aggravju tas-socjeta' appellanti tghaddi sabiex tilqa' l-appell odjern, issegwi billi tikkonferma d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi datata 30 ta' Jannar, 2019 limitatament f'dik il-parti fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut filwaqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija, tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet kollha tal-Bank appellant kif dedotti fir-rikors promotorju datat 18 ta' Ottubru, 2017 u tikkundanna lill-konvenut Ronnie**

**Mangion ihallas lill-Bank attur is-somma ta' ghaxart elef, tliet mija u sebghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€10,370.54) flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors.**

**Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellat Ronnie Mangion.**

(ft.) **Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**